**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 19 ta' Gunju 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**Vs**

**GIUSEPPE MARIA SIVE JOSEPH CREMONA**
**MARIE LOUISE DEBONO**

Kump Nru 220/2011

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Giuseppe Maria sive Joseph Cremona ta' 93**, detentur tal-karta tal-identita numru 24016M u lil **Marie Louise Debono** detentrici tal-karta tal-identita numru 03049M, gew akkuzati talli:

1. Fil-5 t' Ottubru 2009 taw xhieda falza f'materjal civili quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, u dan bi ksur tal-Artikoli 106 u 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilmjent mitluba sabiex meta tikkundanna lill-hati jew hatjin ghall-dawn id-delitti msemmija, titratta wkoll dwar interdizzjoni fil-kundanna ghall-kalunnja, spergur u gurament falz u holqien qarrieqi ta' provi foloz, u dan bi ksur tal-Artikoli 109 u 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-24 ta' Jannar 2011 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-mori ta` dawn il-proceduri kien miet l-imputat Giuseppe Maria sive Joseph Cremona (ara certifikat tal-mewt li jinsab *a folio* 16 ta` l-Atti). Dan necessarjament kien ifisser li l-proceduri jitqiesu bhala estinti fil-konfront ta` l-imputat imsemmi. U naturalment dawn il-proceduri jibghu biss fil-konfront ta` l-imputata Marie Louise Debono;

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi rrizulta li iben l-imputata kellu xi djun ma certu Silvio Coleiro u sabiex jigi newtralizzat dan id-dejn jew parti minnu, l-imputata flimkien ma missierha (il-ko-imputat) kienu bieghu il-fond 62, St. Luke Street, San Pawl il-Bahar lill-konjugi Silvio u Georgina Coleiro b'kuntratt tal-20/08/2003. Mal-kuntratt inghataw ic-cwievet tal-fond lill-konjugi Coleiro.

L-imputata ppruvat tinterpella lil Silvio Coleiro sabiex imur halli jinqalbu ghall-fuq ismu r-registrazzjoni tas-servizzi. Dan baqa inadempjenti.

In segwitu ghal proceduri quddiem l-arbitragg (ara folio 39), l-istess Arbitragg iddecieda li l-konjugi Coleiro kienu responsabbli ghall-kontijiet tas-servizz u tal-konsum ta` l-ilma u ta` l-elettriku koncernanti l-fond imsemmi skond kont numru 95840 9230 ghall-perjodu bejn 19/06/2004 sat-03/01/2008.

Silvio Coleiro ma ha pjacir xejn b'din id-decizjoni u talab lill-pulizija jmexxu kontra l-imputati minhabba li skond hu d-decizjoni ta` l-Arbitragg kien frott il-gurament falz li allegatament hadu l-imputati quddiem l-istess Arbitragg.

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi prodotti ma rrizultat ebda prova skond il-ligi li l-imputati hadu gurament falz u li taw xhieda falza skond kif gew akkuzati.

KONKLUZJONI.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-procediment bhala wiehed estint fil-konfront ta` Giuseppe Maria sive Joseph Cremona, ssib u tiddikjara lill-imputata Marie Louise Debono mhux hatja tal-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u minnha tilliberaha skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur